# L-IBISCUS DOPPJA

Warda daqsiex!
fdewwex aħmar indjan,
bil-qtar tad-deheb irqiq.
Il-blanzuni, jiem sħaħ jieħdu biex jinġemgħu,
sakemm tul lejl daqs ponn isiru
u mas-sbieħ jiftħu l-fdewwex satin fin
tal-aħmar indjan bid-deheb!

Biss wara jum jinxfu, jidbielu, jaqgħu...
Itik li tgħid:
Dax-xogħol kollu għal nofs ta' nhar ta' xemx?

Imma s-siġra qiesha ġġegħlek
il-ħarsa ddawwar
lejn il-miġemgħa ta' blanzuni ġodda
kull wieħed qed isajjar
l-aħmar indjan u d-deheb u l-fdewwex sbieħ:
'tul sena sħiħa jien inxidd
il-libsa tal-festa sbejħa!
Mhix isbaħ minni t-tfajla li tiżżejjen
b'labra daqsiex kultant...
Tiegħi kuljum u kollha
friski w sbieħ;
kollha l-istess
lil min jarani jgħaxxqu!'

1/viii/71 WALLACE PH. GULIA